MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Numru 82/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIA STELLA CUTAJAR**

**VS**

**PAUL CAMILLERI**

**Illum 19 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Camilleri ta' 45 sena, bin Carmelo u Maria nee' Baldacchino, imwieled Ghaxaq fis-27 ta' Jannar 1957, u joqghod Paulmar Hse., Triq il-

President Buttigieg, Zejtun, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 103157 M;

Talli fil-perjodu tal-21 ta' Dicembru, 2000, u fiz-zminijiet ta' qabel din id-data b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond Paulmar, Triq il-President Buttigieg, Zejtun, jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi post liema serq jammonta ghal anqas minn mitt lira maltin (Lm100) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, ammont u hin;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew kkaguna telf ta' kurrent elettriku;

Aktar talli ghamel hsara jew kiser xi parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-ettriku jew sigilli taghhom liema hsara ma teccedix il-hamsin lira maltin (Lm50) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

Wara illi rat l-Artikoli 261 u 278 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li semghet lis-Sur Silvio Decelis, rapprezentant tal-Water Services Corporation u l-Enemalta, din il-Qorti, filwaqt li ssib lill-imsemmi imputat hati ta' kif akkuzat mill-

Prosekuzzjoni, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar mil-lum, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------